2025/1299

30.6.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/1299

tal-24 ta' Ġunju 2025

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2025)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tal-25 ta' Novembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(1) tal-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita kontroll politiku u direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah), inkluż id-deċiżjoni biex jinħatar Kap tal-Missjoni fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli").

(2) Fis-26 ta' Ġunju 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1818 ([2]), li estendiet il-mandat tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala Kap tal-Missjoni ta' EU BAM Rafah, mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025.

(3) Fid-29 ta' April 2025, ir-Rappreżentant Għoli pproponiet l-estensjoni tal-mandat tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala Kap tal-Missjoni ta' EU BAM Rafah mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026.

(4) Għalhekk jenħtieġ li l-mandat tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EU BAM Rafah jiġi estiż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala Kap tal-Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) huwa b'dan estiż mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Din għandha tapplika soġġett għall-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kunsill li testendi l-mandat tal-EU BAM Rafah mill-1 ta' Lulju 2025,

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK

([1]) ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2005/889/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/1818 tas-26 ta' Ġunju 2024 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2024) (ĠU L, 2024/1818, 27.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1818/oj).